SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

5 ta' Settembru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Direttiva 2006/112/KE – Eżenzjonijiet – Artikolu 135(1)(g) – Amministrazzjoni ta' fondi komuni ta' investiment – Kunċett – Fond tal-pensjoni – Komparabbiltà ma' organu ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) – Riskju tal-investimenti li jinġarr mill-affiljati – Portata – Neċessità ta' paragun ma' fond tal-pensjoni kkunsidrat mill-Istat Membru kkonċernat bħala fond komuni ta' investiment"

Fil-Kawżi magħquda C-639/22 sa C-644/22,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-rechtbank Gelderland (il-Qorti Distrettwali ta' Gelderland, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjonijiet tal-5 u tas-6 ta' Ottubru 2022, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Ottubru 2022, fil-proċeduri

X (C-639/22),

Stichting BPL Pensioen (C-643/22),

Stichting Bedrijfstakpensioensfonds voor het levensmiddelenbedrijf (BPFL) (C-644/22)

vs

Inspecteur van de Belastingdienst Utrecht (C-639/22, C-643/22 u C-644/22),

u

Fiskale Eenheid Achmea BV (C-640/22),

Y (C-641/22)

vs

Inspecteur van de Belastingdienst Amsterdam (C-640/22 u C-641/22)

u

Stichting Pensioenfonds voor Fysiotherapeuten (C-642/22)

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

vs

Inspecteur van de Belastingdienst Maastricht (C-642/22),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, O. Spineanu-Matei (Relatriċi), J.-C. Bonichot, S. Rodin u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Lamote, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal X, Y, Stichting Pensioenfonds voor Fysiotherapeuten u Stichting BPL Pensioen, minn K. R. Carton, E. M. van Kasteren u J. P. A. Vermeer, belastingadviseurs,

– għal Fiscale Eenheid Achmea u Stichting Bedrijfstakpensioensfonds voor het levensmiddelenbedrijf (BPFL), minn U. N. C. Boy u G. J. van Norden, belastingadviseurs,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. K. Bulterman, A. Hanje u J. Langer, bħala aġenti,

– għall-Gvern Daniż, minn D. Elkan, J. F. Kronborg u C. A.-S. Maertens, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Jokubauskaitė u W. Roels, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' sitt kawżi bejn, l-ewwel, minn naħa, fil-Kawża C-639/22, X, fond tal-pensjoni professjonali obbligatorju, u, fil-Kawżi C-643/22 u C-644/22, rispettivament, Stichting BPL Pensioen et Stichting Bedrijfstakpensioensfonds voor het levensmiddelenbedrijf (BPFL), fondi tal-pensjoni settorjali u, min-naħa l-oħra, l-Inspecteur van de Belastingdienst Utrecht (l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxi ta' Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi), it-tieni, minn naħa, fil-Kawżi C-640/22 u C-641/22, rispettivament, Fiscale Eenheid Achmea BV, impriża li pprovdiet servizzi lil fond tal-pensjoni settorjali, u Y, fond tal-pensjoni ta' impriża u, min-naħa l-oħra, l-Inspecteur van de Belastingdienst Amsterdam (l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxi ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) u, fl-aħħar nett, it-tielet, minn naħa, fil-Kawża C-642/22, Stichting

Pensioenfonds voor Fysiotherapeuten, fond tal-pensjoni professjonali obbligatorju u, min-naħa l-oħra, l-Inspecteur van de Belastingdienst Maastricht (l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxi ta' Maastricht, il-Pajjiżi l-Baxxi), dwar l-applikazzjoni tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT għal dawn il-fondi tal-pensjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva dwar il-VAT

3 L-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprevedi:

"1. It-transazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-VAT:

[…]

(ċ) il-provvista ta' servizzi bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

[…]"

4 L-Artikolu 135(1)(g) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

(g) l-imaniġġjar ta' fondi speċjali [fondi komuni] ta' investiment kif definiti mill-Istati Membri".

Id-Direttiva UCITS

5 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU 2009, L 302, p. 32) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva UCITS"):

"1. Din id-Direttiva tapplika għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) stabbiliti fit-territorju tal-Istati Membri.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u suġġett għall-Artikolu 3, il-UCITS tfisser impriża:

(a) b' għan waħdieni ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli jew f'assi likwidi finanzjarji oħrajn imsemmija fl-Artikolu 50(1) ta' kapital miġbur mill-pubbliku u li joperaw fuq il-prinċipju ta' tixrid tar-riskju; u

(b) b' unitajiet li huma, fuq it-talba tat-titolari, mixtrija mill-ġdid jew mifdija, direttament jew indirettament, mill-assi ta' dawk l-impriżi. Azzjoni meħuda minn UCITS sabiex jiġi żgurat li l-valur tal-Borża tal-unitajiet tagħha ma jvarjawx b'mod sinifikanti mill-valur nett tagħhom tal-assi għandha titqies bħala ekwivalenti għal dan ix-xiri mill-ġdid jew it-tifdija.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li UCITS ikunu jikkonsistu f' diversi kompartimenti ta' investiment.

[…]"

Id-dritt Olandiż

6 Il-punt 3 tal-punt (i) tal-Artikolu 11(1) tal-Wet houdende vervanging van de bestaande omzetbelasting door een omzetbelasting volgens het stelsel van heffing over de toegevoegde waarde (Wet op de omzetbelasting) (il-Liġi li Tissostitwixxi t-Taxxa Eżistenti fuq id-Dħul mill-Bejgħ b'Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ skont is-Sistema tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ)), tat-28 ta' Ġunju 1968 (Stb. 1968, Nru 329), fil-verżjoni applikabbli għat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, jipprovdi:

"1. Huma eżenti mit-taxxa f'kundizzjonijiet stabbiliti permezz ta' regolament:

[…]

(i) is-servizzi […] li ġejjin:

[…]

3° l-amministrazzjoni ta' kapital miġbur mill-fondi ta' investiment jew mill-kumpanniji ta' investiment għall-finijiet ta' investiment kollettiv".

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

7 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali fil-Kawżi C-639/22 u C-641/22 sa C-644/22, jiġifieri, rispettivament, X, Y, Stichting Pensioenfonds voor Fysiotherapeuten, Stichting BPL Pensioen u Stichting Bedrijfstakpensioensfonds voor het levensmiddelenbedrijf (BPFL), huma fondi tal-pensjoni Olandiżi li xtraw servizzi ta' amministrazzjoni ta' patrimonju mingħand amministratur ta' investimenti stabbilit barra mill-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-Kawża C-640/22, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, Fiscale Eenheid Achmea, kumpannija rregolata mid-dritt Olandiż, ipprovdiet servizzi ta' amministrazzjoni ta' patrimonju lil fond tal-pensjoni settorjali.

8 Dawn ir-rikorrenti qegħdin jikkontestaw quddiem ir-rechtbank Gelderland (il-Qorti Distrettwali ta' Gelderland, il-Pajjiżi l-Baxxi), li hija l-qorti tar-rinviju f'kull waħda mill-kawżi msemmija fil-punt preċedenti, l-ammont tal-VAT ikkalkolat mill-Ispetturi tad-Dipartimenti tat-Taxxi ta' Utrecht, ta' Amsterdam u ta' Maastricht (iktar 'il quddiem l-"amministrazzjoni fiskali") fir-rigward tal-akkwist ta' dawn is-servizzi ta' amministrazzjoni ta' patrimonju. L-imsemmija rikorrenti jqisu li l-fond tal-pensjoni li xtara l-imsemmija servizzi jew li lilu ġew ipprovduti dawn is-servizzi kien jikkostitwixxi "fond speċjali [fond komuni] ta' investiment" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT. Għaldaqstant, l-akkwist jew il-provvista tal-istess servizzi kellhom ikunu eżenti skont il-punt 3 tal-punt (i) tal-Artikolu 11(1) tal-Liġi li

Tissostitwixxi t-Taxxa Eżistenti fuq id-Dħul mill-Bejgħ b'Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ skont is-Sistema tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ), fil-verżjoni applikabbli għat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali.

9 Mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li s-sistema tal-pensjoni ta' rtirar Olandiża tinkludi tliet pilastri, jiġifieri l-pensjoni legali bażika, l-iskemi tal-pensjoni organizzati mill-persuni li jimpjegaw u l-iskemi tal-pensjoni individwali fuq bażi volontarja. It-tieni pilastru, li huwa rregolat mill-Wet houdende regels betreffende pensioenen (il-Liġi li Tistabbilixxi r-Regoli fil-Qasam tal-Pensjonijiet, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Pensjonijiet"), jinkludi l-fondi tal-pensjoni tal-impriża u l-fondi tal-pensjoni settorjali. Il-fondi tal-pensjoni professjonali obbligatorji fis-sens tal-Wet verplichte beroepspensioenregeling (il-Liġi dwar l-Iskema tal-Pensjoni Professjonali Obbligatorja) jaqgħu wkoll, skont il-qorti tar-rinviju, taħt dan it-tieni pilastru.

10 Il-fondi tal-pensjoni inkwistjoni fit-tilwimiet fil-kawżi prinċipali huma, fil-Kawżi C-639/22 u C-642/22, fondi tal-pensjoni professjonali obbligatorji, fil-Kawżi C-640/22, C-643/22 u C-644/22, fondi tal-pensjoni settorjali u, fil-Kawża C-641/22, fond tal-pensjoni ta' impriża.

11 F'kull wieħed mir-rinviji għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tispjega li l-iskema tal-pensjoni implimentata permezz tal-fondi tal-pensjoni kkonċernati hija bbażata fuq "kuntratt ibbażat fuq il-benefiċċji tal-irtirar", li huwa kkaratterizzat mill-ħlas ta' benefiċċji tal-irtirar fissi. Dan huwa wieħed mit-tliet tipi ta' kuntratti previsti fil-Liġi dwar il-Pensjonijiet. Dan il-kuntratt huwa differenti mill-"kuntratt ibbażat fuq il-kontribuzzjonijiet", li huwa bbażat fuq kontribuzzjonijiet speċifiċi li sussegwentement jiġu kkonvertiti f'benefiċċji tal-irtirar fissi jew varjabbli, u mill-"kuntratt ibbażat fuq il-kapital", li jkopri kapital iddeterminat, li sussegwentement jiġi kkonvertit f'benefiċċji tal-irtirar fissi jew varjabbli.

12 Il-fondi tal-pensjoni huma suġġetti għal sorveljanza mill-Istat fir-rigward tal-osservanza ta' rata strateġika ta' kopertura, li tikkonċerna r-relazzjoni bejn l-assi miżmuma minn dawn il-fondi u l-valur aġġornat tal-impenji tagħhom fil-qasam tal-pensjonijiet. Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li r-rata strateġika ta' kopertura u l-fondi proprji ta' fond tal-pensjoni jiddeterminaw is-sitwazzjoni finanzjarja ta' dan il-fond kif ukoll, fil-parti l-kbira, il-livell tal-kontribuzzjonijiet u tal-eventwali tnaqqis tagħhom, kif ukoll l-għoti ta' supplimenti kundizzjonali għall-benefiċċji tal-irtirar (indiċjar) jew l-eventwali tnaqqis tagħhom u tad-drittijiet għall-pensjoni.

13 L-ammont tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu huwa stabbilit mill-fond tal-pensjoni b'mod li jkopri ż-żieda fil-fondi proprji meħtieġa minħabba ż-żieda fl-impenji fil-qasam tal-pensjoni, filwaqt li jitqiesu wkoll il-previżjonijiet tar-rendiment tal-investimenti.

14 Għal ċerti fondi tal-pensjoni, jiġifieri dawk inkwistjoni fil-Kawżi C-640/22, C-643/22 u C-644/22, il-bord tat-tmexxija ta' kull fond jistabbilixxi l-ammont tal-kontribuzzjonijiet imħallsa lil dawn il-fondi wara konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-persuni li jimpjegaw u tal-ħaddiema. Il-kontribuzzjonijiet jitħallsu mill-persuna li timpjega u jitnaqqsu parzjalment mis-salarju tal-ħaddiem. Fil-każ tal-fond tal-pensjoni Y, inkwistjoni fil-Kawża C-641/22, il-kontribuzzjoni hija ddeterminata għal kull affiljat individwali, iżda hija madankollu suġġetta għal limitu massimu. F'din l-aħħar kawża, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-persuni li jimpjegaw kienu garanti, bejn l-2014 u l-2020, sal-ammont ta' EUR 250 miljun, ammont li seta' jservi sabiex jiġu kkompletati l-kontribuzzjonijiet fil-każ li jkunu insuffiċjenti sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet għall-pensjoni kkostitwiti. Fil-Kawżi C-639/22 u C-642/22, l-affiljati jikkontribwixxu abbażi tad-dħul professjonali jew tal-profitti tal-impriża tagħhom.

15 Fil-kawżi prinċipali kollha, bl-eċċezzjoni tal-Kawża C-639/22, id-drittijiet għall-pensjoni u l-benefiċċji tal-irtirar fl-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni huma kkalkolati abbażi tar-remunerazzjoni u tan-numru ta' snin ta' impjieg ta' kull ħaddiem. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tispjega li l-ammont ta' dawn id-drittijiet għall-pensjoni u ta' dawn il-benefiċċji tal-irtirar fl-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni f'dawn il-kawżi jista' jinbidel. Dan l-ammont jista' jiżdied, pereżempju b'referenza għall-evoluzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsum. Il-bord tat-tmexxija ta' kull fond tal-pensjoni għandu jiddeċiedi dwar l-għoti ta' dan is-suppliment. Fil-Kawża C-644/22, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-għoti ta' eventwali suppliment huwa kompletament iffinanzjat mir-rendiment tal-investimenti mwettqa mill-fond tal-pensjoni inkwistjoni.

16 Fl-iskema tal-pensjoni inkwistjoni fil-Kawża C-639/22, il-qorti tar-rinviju tindika li l-pensjoni tax-xjuħija hija ffissata skont in-numru ta' perijodi ta' tliet xhur ta' kontribuzzjonijiet. Din hija pensjoni ta' referenza, li l-ammont tagħha jista' jiżdied meta mqabbel mas-sena preċedenti mill-bord tat-tmexxija tal-fond tal-pensjoni skont formula ddeterminata, jekk il-mezzi finanzjarji jkunu biżżejjed biex isir dan.

17 Fl-iskema tal-pensjoni inkwistjoni fil-Kawża C-641/22, il-bord tat-tmexxija tal-fond tal-pensjoni jiddeċiedi kull sena, u kemm-il darba s-sitwazzjoni patrimonjali ta' dan il-fond tippermetti dan, jekk u sa fejn jingħata suppliment għad-drittijiet għall-pensjoni u għall-benefiċċji tal-irtirar. Fil-każ tal-iskema tal-pensjoni inkwistjoni fil-Kawża C-642/22, żieda ta' 2 % tingħata kull sena fuq id-drittijiet għall-pensjoni u l-benefiċċji tal-irtirar. Skont is-sitwazzjoni finanzjarja tal-fond tal-pensjoni, il-bord tat-tmexxija tiegħu jista' jiddeċiedi li jagħti suppliment akbar, li jkun iffinanzjat parzjalment mill-kontribuzzjonijiet u parzjalment mir-rendiment addizzjonali tal-kapital investit.

18 Għall-kuntrarju, fond tal-pensjoni jista' jkun obbligat inaqqas l-ammont ta' dawn id-drittijiet u benefiċċji, bħal fil-Kawża C-641/22, fir-rigward tar-rata tal-kostituzzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni għas-sena 2020. Tali tnaqqis u żidiet huma rregolati mil-Liġi dwar il-Pensjonijiet. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li ma jista' jingħata ebda suppliment jekk ir-rata strateġika ta' kopertura tinżel taħt ċertu livell. Għalhekk, fil-Kawża C-644/22, il-fond tal-pensjoni seta' jagħti suppliment biss fl-2009. Barra minn hekk, peress li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' dan il-fond tal-pensjoni kienet marret għall-agħar, ġie introdott pjan ta' ristrutturazzjoni quddiem in-Nederlandsche Bank (il-Bank Ċentrali, il-Pajjiżi l-Baxxi), li ppreveda tnaqqis ta' 0.85 % tal-pensjonijiet ikkostitwiti.

19 Il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar jekk il-fondi tal-pensjoni inkwistjoni fit-tilwimiet fil-kawżi prinċipali għandhomx jitqiesu bħala "fondi komuni ta' investiment" li jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-VAT prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT.

20 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tirrileva, filwaqt li tirreferi għas-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2013, Wheels Common Investment Fund Trustees *et* (C-424/11, EU:C:2013:144), tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService (C-464/12, EU:C:2014:139), u tad-9 ta' Diċembru 2015, Fiscale Eenheid X (C-595/13, EU:C:2015:801), li fond tal-pensjoni li, bħall-fondi tal-pensjoni inkwistjoni fit-tilwimiet quddiem il-qorti tar-rinviju, ma jikkostitwixxix UCITS, fis-sens tad-Direttiva UCITS, jista' madankollu jitqies bħala "fond komuni ta' investiment" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT meta jkollu ċerti karatteristiċi.

21 L-imsemmija qorti għandha dubju, b'mod partikolari, dwar l-interpretazzjoni ta' waħda minn dawn il-karatteristiċi, jiġifieri r-rekwiżit li r-riskju tal-investimenti jinġarr mill-affiljati. Hija tirrileva li, skont l-amministrazzjoni fiskali, li fuq dan il-punt tirreferi għal sentenza tal-Hoge Raad (il-Qorti Suprema, il-Pajjiżi l-Baxxi), ir-riskju marbut mal-investimenti mwettqa mill-fondi tal-pensjoni inkwistjoni fit-tilwimiet imressqa quddiemha li huwa mġarrab mill-affiljati ta' dawn il-fondi tal-pensjoni ma huwiex ta' importanza suffiċjenti.

22 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni quddiemha ma humiex kompletament paragunabbli mal-iskemi inkwistjoni fis-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2013, Wheels Common Investment Fund Trustees *et* (C-424/11, EU:C:2013:144) u tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService (C-464/12, EU:C:2014:139), u lanqas ma' dik inkwistjoni fis-sentenza tal-Hoge Raad (il-Qorti Suprema), li hija tiċċita fid-deċiżjoni tar-rinviju.

23 Fil-fatt, fil-fehma tagħha, il-livell tad-drittijiet għall-pensjoni u tal-benefiċċji tal-irtirar taħt l-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni fit-tilwimiet imressqa quddiemha huwa kkalkolat abbażi tad-dħul professjonali u tan-numru ta' snin ta' impjieg tal-affiljati jew abbażi ta' pensjoni ta' referenza.

24 Skont l-istess qorti, minn dan isegwi, minn naħa, li s-sitwazzjoni hija differenti minn dik imsemmija fis-sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, Wheels Common Investment Fund Trustees *et* (C-424/11, EU:C:2013:144) peress li ma jistax jiġi kkunsidrat li d-drittijiet għall-pensjoni u l-benefiċċji tal-irtirar inkwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju bl-ebda mod ma jiddependu mill-valur tal-attiv u mir-rendiment tal-investimenti mwettqa mill-fondi tal-pensjoni. Minkejja li l-livell ta' dawn id-drittijiet għall-pensjoni u ta' dawn il-benefiċċji tal-irtirar ma jiddependix direttament mir-rendiment tal-investimenti, l-ammont mistenni mill-pensjoni ma huwiex iggarantit. Ir-riskju ta' bidla fil-valur tal-assi huwa rifless fir-rata strateġika ta' kopertura u b'hekk jiddetermina, flimkien ma' parametri ta' kalkolu oħra, jekk u sa fejn jistgħu jingħataw supplimenti jew jekk id-drittijiet għall-pensjoni u l-benefiċċji tal-irtirar għandhomx għall-kuntrarju jitnaqqsu. Għalhekk, skont il-qorti tar-rinviju, ir-rendiment tal-investimenti u l-bidliet fil-valur tal-assi huma espressi fil-livell tad-drittijiet għall-pensjoni u tal-benefiċċji tal-irtirar.

25 Min-naħa l-oħra, l-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni fit-tilwimiet imressqa quddiem il-qorti tar-rinviju huma differenti wkoll mill-iskema tal-pensjoni msemmija fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService (C-464/12, EU:C:2014:139), li fiha l-livell tal-pensjoni kien iddeterminat mill-ammont tal-kontribuzzjonijiet fissi u mir-rendimenti mwettqa fuqhom, li jikkorrispondi pjuttost, skont l-istess qorti, għal skema tal-pensjoni organizzata abbażi ta' "kuntratti bbażati fuq il-kontribuzzjonijiet", fis-sens tal-Liġi dwar il-Pensjonijiet. Madankollu, dan ma jipprekludix li, fl-iskemi kollha inkwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-riskju ta' bilanċ negattiv u ta' bilanċ pożittiv jinġarr mill-kollettività tal-affiljati, permezz tat-tnaqqis tad-drittijiet ikkostitwiti jew tal-applikazzjoni ta' tnaqqis, jew, għall-kuntrarju, permezz tal-għoti ta' supplimenti jew ta' kumpens għal tnaqqis imwettaq preċedentement.

26 Il-qorti tar-rinviju tixtieq tiddetermina jekk il-fatt li r-riskju tal-investimenti jinġarr mill-kollettività tal-affiljati jipprekludix li fond tal-pensjoni bħal dawk inkwistjoni fit-tilwimiet imressqa quddiemha jitqies li huwa fond komuni ta' investiment u jekk huwiex biżżejjed li l-affiljati jġorru xi tip ta' riskju f'dan ir-rigward jew jekk għandhomx iġorru dan ir-riskju f'livell sinjifikattiv.

27 Barra minn hekk, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li, fil-Kawżi C-640/22 u C-644/22, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, Fiscale Eenheid Achmea u Stichting Bedrijfstakpensioensfonds voor het levensmiddelenbedrijf (BPFL), isostnu li l-prinċipju ta' newtralità fiskali jimplika li għandu jiġi stabbilit paragun ma' ċerti fondi tal-pensjoni li jeżegwixxu kuntratti bbażati fuq il-kontribuzzjonijiet u li, mingħajr ma huma UCITS, huma ttrattati mill-amministrazzjoni fiskali bħala fondi komuni ta' investiment. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tosserva li, skont ittra tal-iStaatssecretaris van Financiën (is-Segretarju tal-Istat għall-Finanzi, il-Pajjiżi l-Baxxi), ċerti fondi tal-pensjoni li jimplimentaw kuntratti bbażati fuq il-kontribuzzjonijiet huma ttrattati minn din l-amministrazzjoni bħala fondi komuni ta' investiment.

28 Madankollu, dik il-qorti għandha dubji dwar in-neċessità ta' tali paragun, peress li l-kriterji fformulati fis-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2013, Wheels Common Investment Fund Trustees *et* (C 424/11, EU:C:2013:144), u tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService (C-464/12, EU:C:2014:139), li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk operaturi ekonomiċi jwettqux l-istess tranżazzjonijiet bħall-UCITS, kienu ġew żviluppati fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali. Barra minn hekk, hija għandha dubju dwar jekk, għal ħaddiem individwali, li mhux dejjem ikollu l-għażla tat-tip ta' kuntratt tal-pensjoni, teżistix differenza sostanzjali bejn dawn it-tipi differenti ta' kuntratti tal-pensjoni.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rechtbank Gelderland (il-Qorti Reġjonali ta' Gelderland) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin fil-Kawża C-644/22;

"1) L-Artikolu 135(1)(g) tad-[Direttiva dwar il-VAT] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-persuni affiljati f'fond tal-pensjoni bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu jitqiesu li jġorru r-riskju ta' investiment, u dan jimplika li l-fond tal-pensjoni jikkostitwixxi 'fond speċjali ta' investiment' fis-sens ta' din id-dispożizzjoni? Huwa rilevanti, f'dan ir-rigward:

– jekk il-persuni affiljati jġorrux riskju individwali ta' investiment jew huwa suffiċjenti li l-persuni affiljati fil-kollettività tagħhom, u ħadd iktar, iġorru l-konsegwenzi tar-riżultati tal-investimenti?

– x'inhi l-portata tar-riskju kollettiv jew tar-riskju individwali?

– sa fejn l-ammont tal-benefiċċji tal-irtirar jiddependi wkoll minn fatturi oħra, bħalma huma n-numru ta' snin ta' akkumulazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni, il-livell tas-salarju u l-interessi stmati?

2) Il-prinċipju ta' newtralità fiskali jimplika li, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT, f'dak li jirrigwarda l-fondi li ma jikkostitwixxux [UCITS], għandu jiġi evalwat mhux biss jekk humiex komparabbli għal [UCITS] iżda wkoll jekk, mill-perspettiva tal-konsumatur medju, humiex komparabbli għal fondi oħra li, mingħajr ma huma [UCITS], huma madankollu effettivament meqjusa mill-Istat Membru bħala fondi komuni ta' investiment?"

30 Fil-Kawżi C-639/22, C-642/22 u C-643/22, ir-rechtbank Gelderland (il-Qorti Distrettwali ta' Gelderland) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari identika għall-ewwel domanda magħmula fil-Kawża C-644/22.

31 Fil-Kawża C-640/22, dik il-qorti tippreċiża li mill-1 ta' Jannar 2018 ma kien hemm ebda kostituzzjoni attiva tad-drittijiet għall-pensjoni fil-fond tal-pensjoni li lilu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali f'din il-kawża kienet ipprovdiet servizzi ta' amministrazzjoni tal-patrimonju minħabba li l-fond tal-pensjoni inkwistjoni fit-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju kien imġiegħel jittrasferixxi l-assi tiegħu minħabba r-rata strateġika baxxa ta' kopertura. Għaldaqstant, l-istess qorti tistaqsi dwar ir-rilevanza ta' dan l-element fl-eżami tar-riskju tal-investimenti mwettqa minn dan il-fond tal-pensjoni li jġorru l-affiljati tiegħu.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rechtbank Gelderland (il-Qorti Distrettwali ta' Gelderland) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja l-istess domandi preliminari bħal dawk magħmula fil-Kawża C-644/22, biż-żieda ta' preċiżjoni mal-ewwel domanda fformulata kif ġej:

"[…] Huwa rilevanti, f'dan ir-rigward:

[…]

– li, sa mill-1 ta' Jannar 2018, ma għadx hemm akkumulazzjoni attiva ta' drittijiet għall-pensjoni fil-fond tal-pensjoni u li dan, minħabba r-rata strateġika ta' kopertura baxxa, għandu jwettaq trasferiment ta' valur kollettiv lil assiguratur jew lil fond ieħor tal-pensjoni?

[…]"

33 Fl-aħħar nett, fil-Kawża C-641/22, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-fatt, diġà msemmi fil-punt 14 ta' din is-sentenza, li l-persuni li jimpjegaw ikunu garanti matul ċertu perijodu sabiex jiżguraw il-kostituzzjoni ta' drittijiet għall-pensjoni, għandux impatt fuq l-eżistenza ta' riskju marbut mal-investimenti mwettqa mill-fond tal-pensjoni li jġorru l-affiljati tiegħu.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rechtbank Gelderland (il-Qorti Distrettwali ta' Gelderland) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari identika għall-ewwel domanda magħmula fil-Kawża C-644/22, biż-żieda ta' preċiżjoni ma' din id-domanda fformulata kif ġej:

"[…] Huwa rilevanti, f'dan ir-rigward:

[…]

– li għall-perijodu 2014 sa 2020, il-persuna li timpjega tat garanzija għal ammont ta' EUR 250 000 000 għat-twettiq tal-akkumulazzjoni mmirata tad-drittijiet għal pensjoni?"

35 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2022, il-Kawżi C-639/22 sa C-644/22 ingħaqdu għall-finijiet tal-fażi bil-miktub u dik orali tal-proċedura kif ukoll għall-finijiet tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

36 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, li hija komuni għall-kawżi magħquda kollha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li l-affiljati ta' fond tal-pensjoni li jimplimenta, taħt skema tal-pensjoni kollettiva, kuntratt tal-pensjoni li jipprevedi drittijiet għall-pensjoni u benefiċċji tal-irtirar li l-ammont tagħhom, minkejja li jkun iddefinit abbażi ta' pensjoni ta' referenza jew tad-dħul professjonali u abbażi tan-numru ta' snin ta' impjieg ta' kull affiljat, jista' jvarja, taħt ċerti kundizzjonijiet, bħala konsegwenza tar-riżultati tal-investimenti mwettqa minn dan il-fond tal-pensjoni, jistgħu jitqiesu li jġorru r-riskju tal-investimenti. Dik il-qorti tistaqsi wkoll jekk humiex rilevanti f'dan ir-rigward il-portata tar-riskju mġarrab, il-fatt li r-riskju mġarrab ikun individwali jew kollettiv, in-numru ta' snin ta' kostituzzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni ta' affiljat, il-fatt li l-kostituzzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni ġiet interrotta f'ċertu mument fir-rigward ta' fond tal-pensjoni jew ukoll il-fatt li persuna li timpjega kienet garanti matul ċertu perijodu għall-kostituzzjoni mistennija tad-drittijiet għall-pensjoni.

37 Konformement mal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT, l-Istati Membri għandhom jeżentaw mill-VAT l-amministrazzjoni ta' fondi komuni ta' investiment, kif iddefiniti mill-Istati Membri.

38 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, minkejja li l-leġiżlatur tal-Unjoni ta lill-Istati Membri l-kompitu li jiddefinixxu l-kunċett ta' "fond komuni ta' investiment", għandhom jitqiesu bħala tali l-fondi li jikkostitwixxu UCITS fis-sens tad-Direttiva UCITS (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService, C-464/12, EU:C:2014:139, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Kif jirriżulta mill-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva, l-UCITS huma organi li l-għan esklużiv tagħhom huwa l-investiment kollettiv, f'titoli trasferibbli, ta' kapital miġbur mingħand il-pubbliku, li l-funzjonament tagħhom huwa suġġett għall-prinċipju ta' tixrid tar-riskju, u li l-unitajiet tagħhom huma, fuq it-talba tat-titolari, mixtrija mill-ġdid jew irrimborsati, direttament jew indirettament, mill-assi ta' dawn l-organi (sentenza tad-9 ta' Diċembru 2015, Fiscale Eenheid X, C-595/13, EU:C:2015:801, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Fil-prattika, l-UCITS huma organi li fihom jinġabru diversi investimenti mifruxa fuq serje ta' titoli trasferibbli, li jistgħu jiġu amministrati b'mod effettiv sabiex jittejbu r-riżultati, u li fihom l-investimenti individwali jistgħu jkunu relattivament żgħar. Dawn il-fondi jamministraw l-investimenti tagħhom f'isimhom stess u għall-benefiċċju tagħhom, filwaqt li kull klijent investitur ikollu sehem fil-fond, imma mhux fl-investimenti nfushom tal-fond (sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService, C-464/12, EU:C:2014:139, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Skont ġurisprudenza stabbilita, fondi li, mingħajr ma jikkostitwixxu organi ta' investiment kollettiv fis-sens tad-Direttiva UCITS, ikollhom karatteristiċi identiċi għal dawn tal-aħħar u għaldaqstant iwettqu l-istess operazzjonijiet jew, minn tal-inqas, ikollhom karatteristiċi paragunabbli ma' dawn tal-aħħar tant li jkunu jinsabu f'kompetizzjoni magħhom għandhom ukoll jitqiesu bħala fondi komuni ta' investiment (sentenza tad-9 ta' Diċembru 2015, Fiscale Eenheid X, C-595/13, EU:C:2015:801, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li waħda mill-karatteristiċi meħtieġa sabiex entità tkun tista' titqies li għandha karatteristiċi paragunabbli ma' UCITS u, għaldaqstant, tkun tista' titqies li hija fond komuni ta' investiment li jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mill-VAT prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT, hija li l-parteċipanti jkollhom dritt għall-profitti jew iġorru r-riskju marbut mal-amministrazzjoni tal-fond. Fi kliem ieħor, huwa meħtieġ li l-affiljati jġorru r-riskju tal-investimenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2013, Wheels Common Investment Fund Trustees *et*, C-424/11, EU:C:2013:144, punt 27; tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService, C-464/12, EU:C:2014:139, punt 59; u tad-9 ta' Diċembru 2015, Fiscale Eenheid X, C-595/13, EU:C:2015:801, punti 51 u 52).

43 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-affiljati ta' skema tal-pensjoni ma jġorrux ir-riskju marbut mal-amministrazzjoni ta' fond ta' investiment li fih ikunu nġabru l-assi ta' din l-iskema meta l-pensjoni rċevuta mill-impjegat bl-ebda mod ma tkun tiddependi mill-valur tal-assi tal-iskema u mir-riżultati tal-investimenti mwettqa mill-amministraturi tal-iskema, iżda din il-pensjoni tkun iddefinita minn qabel skont it-tul tal-karriera mal-persuna li timpjega u l-ammont tas-salarju, b'differenza mir-rendiment li jistgħu jistennew il-persuni li jixtru unitajiet f'organu ta' investiment kollettiv, li jiddependi mir-riżultati tal-investimenti mwettqa mill-amministraturi tal-fond fil-perijodu li matulu huma jżommu dawn l-unitajiet (sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, Wheels Common Investment Fund Trustees *et*, C-424/11, EU:C:2013:144, punt 27).

44 Minn dan isegwi li, sabiex jiġi kkonstatat li affiljat ta' fond tal-pensjoni jġorr ir-riskju tal-investimenti meħtieġ, huwa neċessarju li l-pensjoni rċevuta minn dan l-affiljat tkun tiddependi mill-investimenti mwettqa minn dan il-fond, u dan b'mod paragunabbli ma' kif ir-rendimenti ta' detentur ta' unitajiet f'organu ta' investiment kollettiv jiddependu mill-investimenti mwettqa minn dan l-organu.

45 Għaldaqstant, sabiex fond tal-pensjoni jkun jista' jitqies bħala fond komuni ta' investiment li jista' jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT, ir-riskju li jġorru l-affiljati ta' dan il-fond tal-pensjoni bħala konsegwenza tal-investimenti mwettqa minn dan il-fond għandu jkun paragunabbli ma' dak li jġorru d-detenturi ta' unitajiet ta' organu ta' investiment kollettiv fuq l-assi li jkunu ddepożitaw f'dan tal-aħħar.

46 Peress li tali riskju għandu jiġi rifless fil-livell tad-drittijiet għall-pensjoni u tal-benefiċċji tal-irtirar, għandu jiġi stabbilit, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-affiljati ta' fond tal-pensjoni jġorrux riskju paragunabbli ma' dak li jġorru d-detenturi ta' unitajiet f'organu ta' investiment kollettiv, li r-riżultati tal-investimenti mwettqa mill-fond tal-pensjoni għandhom impatt sinjifikattiv fuq l-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni u tal-benefiċċji tal-irtirar.

47 Fil-fatt, peress li r-rendiment li jistgħu jistennew id-detenturi ta' unitajiet f'organu ta' investiment kollettiv jiddependi essenzjalment mir-riżultati, għall-perijodu li matulu huma jżommu dawn l-unitajiet, tal-investimenti mwettqa minn dan l-organu, li jaffettwa immedjatament il-valur tal-imsemmija unitajiet, sabiex l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT tapplika għal fond tal-pensjoni huwa meħtieġ li l-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni u tal-benefiċċji tal-irtirar dovuti skont il-kuntratt tal-pensjoni kkonċernat ma jkunx iggarantit iżda jkun jiddependi, prinċipalment, kemm jekk b'mod pożittiv jew negattiv, mir-riżultati tal-investimenti mwettqa minn dan il-fond.

48 Sabiex jiġi stabbilit li riskju tal-investiment li jġorru l-affiljati ta' fond tal-pensjoni huwa paragunabbli ma' dak li jġorru d-detenturi ta' unitajiet f'organi ta' investiment kollettiv, l-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni u tal-benefiċċji tal-irtirar ma jistax għalhekk ikun, fil-parti l-kbira tiegħu, iddefinit minn qabel skont it-tul tal-karriera mal-persuna li timpjega u l-ammont tas-salarju ta' kull affiljat. F'dan ir-rigward, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, kif osservat essenzjalment l-Avukata Ġenerali fil-punt 44 tal-konklużjonijiet tagħha, jekk id-drittijiet għall-pensjoni u l-benefiċċji tal-irtirar jiddependux prinċipalment mir-riżultati tal-investimenti mwettqa mill-fond tal-pensjoni kkonċernat.

49 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, fl-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, id-drittijiet għall-pensjoni u l-benefiċċji tal-irtirar huma, bħala prinċipju, ikkalkolati abbażi ta' pensjoni ta' referenza jew tad-dħul professjonali u tan-numru ta' snin ta' impjieg ta' kull affiljat, u li l-livell tagħhom ma jiddependix direttament mir-riżultati tal-investimenti mwettqa mill-fond tal-pensjoni, iżda lanqas ma huwa ggarantit. Ir-rata strateġika ta' kopertura tippermetti li jiġi ddeterminat jekk u sa fejn jistgħu jingħataw supplimenti lill-affiljati jew jekk id-drittijiet għall-pensjoni u l-benefiċċji tal-irtirar għandhomx, għall-kuntrarju, jitnaqqsu. Għalhekk, skont il-qorti tar-rinviju, ir-riżultati ta' dawn l-investimenti huma riflessi fl-ammont tal-pensjonijiet. Barra minn hekk, ir-riskju ta' bilanċi negattivi u l-possibbiltà ta' bilanċi pożittivi huma mifruxa fuq il-kollettività tal-affiljati.

50 Minn dawn l-elementi jidher li jirriżulta li l-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni jew tal-benefiċċji tal-irtirar huwa, fil-parti l-kbira tiegħu, iddefinit minn qabel abbażi tat-tul tal-karriera mal-persuna li timpjega u abbażi tas-salarju ta' kull affiljat. Barra minn hekk, il-bidla ta' dan l-ammont tiddependi mir-rata strateġika ta' kopertura, iddefinita b'mod partikolari b'riferiment għall-valur aġġornat tal-impenji fil-qasam tal-pensjonijiet. Għalhekk, minkejja li l-imsemmi ammont jista' jitnaqqas jew jiżdied, u għalkemm l-għoti ta' supplimenti huwa, f'ċerti każijiet, kompletament iffinanzjat mir-riżultati tal-investimenti mwettqa mill-fond tal-pensjoni, l-istess ammont jidher li jiddependi minn diversi fatturi, li minn fosthom ir-riżultati ta' dawn l-investimenti ma jidhrux li huma l-fattur prinċipali, punt dan li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju billi tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi kollha tal-kuntratti tal-pensjoni kkonċernati.

51 Barra minn hekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-affiljati tal-fondi tal-pensjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jġorrux riskju tal-investiment paragunabbli ma' dak li jġorru d-detenturi ta' unitajiet f'organu ta' investiment kollettiv, ma huwiex biżżejjed li jiġi kkonstatat li dawn l-affiljati jġorru, individwalment jew kollettivament, ir-riskju tal-investimenti mwettqa minn tali fond tal-pensjoni, bl-esklużjoni ta' persuni jew entitajiet oħra. Fil-fatt, jekk dawn l-investimenti jkollhom biss impatt marġinali fuq l-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni u tal-benefiċċji tal-irtirar, ir-riskju li jġorru l-affiljati ma jkunx paragunabbli ma' dak li jġorru d-detenturi ta' unitajiet f'organu ta' investiment kollettiv fir-rigward tal-assi li jkunu ddepożitaw ma' dan tal-aħħar.

52 Għall-kuntrarju, meta r-riskju tal-investimenti mwettqa minn fond tal-pensjoni jkollu impatt sinjifikattiv fuq l-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni u tal-benefiċċji tal-irtirar dovuti skont il-kuntratt tal-pensjoni, ftit jimporta li dan ir-riskju jkun mifrux fuq il-kollettività tal-affiljati ta' dan il-fond u li l-impatt tiegħu jkun, minħabba f'hekk, moderat. Fil-fatt, din iċ-ċirkustanza tirriżulta min-natura komuni tal-imsemmi fond u ma tipprekludix li l-imsemmi riskju jkollu impatt individwali fuq id-drittijiet tal-affiljati kollha tal-istess fond.

53 Bl-istess mod, huma irrilevanti n-numru ta' snin sabiex jiġu kkostitwiti d-drittijiet għall-pensjoni ta' affiljat jew il-fatt li l-perijodu ta' kostituzzjoni ta' dawn id-drittijiet għall-pensjoni jkun twaqqaf f'mument partikolari fil-każ ta' fond tal-pensjoni, bħalma jidher li kien il-każ fil-Kawża C-640/22. Fil-fatt, kif osservat l-Avukata Ġenerali fil-punt 46 tal-konklużjonijiet tagħha, huma rilevanti biss il-mod kif id-drittijiet għall-pensjoni u l-benefiċċji tal-irtirar ikunu mfassla fil-kuntratt tal-pensjoni tal-affiljat u kemm dawn id-drittijiet u dawn il-benefiċċji jkunu jiddependu mir-riżultati tal-investimenti mwettqa mill-fond tal-pensjoni. Il-fatt li l-fond tal-pensjoni ma jkunx għadu jeżisti jew li, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, ikun obbligat jittrasferixxi l-assi tiegħu lil entità oħra, ma għandux impatt fuq l-eżistenza ta' riskju tal-investimenti li jġorru l-affiljati ta' dan il-fond tal-pensjoni, ħlief jekk dan it-trasferiment jimplika t-trasferiment tar-riskju lil entità terza.

54 Dan jista' jkun il-każ fil-każ ta' falliment ta' fond tal-pensjoni, li jikkostitwixxi riskju kollettiv li għandu jiġi distint mill-possibbiltà ta' bidliet fl-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni u tal-benefiċċji tal-irtirar. F'dan il-każ, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk, għall-fond tal-pensjoni kkonċernat, kinitx ġiet stabbilita forma ta' garanzija mill-Istat jew sistema ta' riassigurazzjoni, sabiex jiġi stabbilit jekk l-affiljati jġorrux ukoll ir-riskju marbuta mal-falliment ta' dan il-fond.

55 Barra minn hekk, ma huwiex eskluż li l-fatt li persuna li timpjega tkun daħlet garanti matul ċertu perijodu għall-kostituzzjoni mistennija tad-drittijiet għall-pensjoni jista' jkollu impatt fuq id-drittijiet għall-pensjoni u l-benefiċċji tal-irtirar sa fejn, f'dan il-każ, il-kontribuzzjonijiet imħallsa jistgħu jagħtu lok għal ammont ta' pensjoni ggarantit, indipendenti mir-riżultati tal-investimenti mwettqa mill-fond tal-pensjoni kkonċernat, u dan jista' jeskludi l-eżistenza tar-riskju meħtieġ sabiex dan il-fond ikun jista' jitqies bħala li għandu karatteristiċi paragunabbli ma' UCITS. Madankollu, ħlief fil-każ li tali garanzija tkun totali, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika sa fejn ir-riżultati ta' dawn l-investimenti għandhom impatt fuq l-ammont totali ta' dawn il-pensjonijiet.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li l-affiljati ta' fond tal-pensjoni li jimplimenta, taħt skema tal-pensjoni kollettiva, kuntratt tal-pensjoni li jipprevedi drittijiet għall-pensjoni u benefiċċji tal-irtirar li l-ammont tagħhom, minkejja li jkun iddefinit abbażi ta' pensjoni ta' referenza jew tad-dħul professjonali u abbażi tan-numru ta' snin ta' impjieg ta' kull affiljat, jista' jvarja, taħt ċerti kundizzjonijiet, bħala konsegwenza tar-riżultati tal-investimenti mwettqa minn dan il-fond tal-pensjoni, jistgħu jitqiesu li jġorru r-riskju tal-investimenti fil-każ biss li dan l-ammont ikun jiddependi, prinċipalment, mir-riżultati ta' dawn l-investimenti. Sabiex titwettaq tali evalwazzjoni, la huma rilevanti n-numru ta' snin ta' kostituzzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni ta' affiljat u lanqas il-fatt li l-kostituzzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni kienet twaqqfet f'mument partikolari fil-każ ta' fond tal-pensjoni. Min-naħa tagħhom, il-fatt li r-riskju jinġarr individwalment jew kollettivament, b'mod partikolari fil-każ ta' falliment, jew il-fatt li persuna li timpjega tkun daħlet bħala garanti matul ċertu perijodu għall-kostituzzjoni mistennija tad-drittijiet għall-pensjoni jikkostitwixxu fatturi rilevanti, mingħajr ma huma, bħala tali, determinanti.

Fuq it-tieni domanda fil-Kawżi C-640/22 u C-644/22

57 Permezz tat-tieni domanda tagħha fil-Kawżi C-640/22 u C-644/22, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandux jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk

fond tal-pensjoni li ma huwiex UCITS jistax jibbenefika mill-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, ma huwiex meħtieġ biss li jsir paragun ma' tali organu, iżda wkoll li jiġi evalwat jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni legali u finanzjarja tal-affiljat fil-konfront ta' dan il-fond tal-pensjoni, l-imsemmi fond tal-pensjoni huwiex paragunabbli ma' fondi oħra li, mingħajr ma jkunu UCITS, huma kkunsidrati mill-Istat Membru kkonċernat bħala fondi komuni ta' investiment fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

58 Mill-punti 38 u 41 ta' din is-sentenza jirriżulta li, fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni, l-Istati Membri huma obbligati jittrattaw il-fondi li jikkostitwixxu UCITS fis-sens tad-Direttiva UCITS bħala fondi komuni ta' investiment u li għandhom jitqiesu wkoll bħala fondi komuni ta' investiment dawk il-fondi li, mingħajr ma jikkostitwixxu organi ta' investiment kollettiv fis-sens ta' din id-direttiva, iwettqu l-istess operazzjonijiet jew, minn tal-inqas, ikollhom karatteristiċi paragunabbli ma' dawn l-organu tant li jkunu jinsabu f'kompetizzjoni magħhom.

59 Fil-fatt, minkejja li l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT għandha tiġi interpretata b'mod strett, il-prinċipju ta' newtralità fiskali kif ukoll l-għan li jiġi ffaċilitat għall-investituri l-investiment f'titoli permezz ta' organi ta' investiment jeżiġu li din l-eżenzjoni tingħata l-effett sħiħ tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2021, K u DBKAG, C-58/20 u C-59/20, EU:C:2021:491, punt 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

60 B'mod partikolari, il-prinċipju ta' newtralità fiskali jipprekludi li oġġetti jew provvisti ta' servizzi simili, li jinsabu f'kompetizzjoni bejniethom, jiġu ttrattati b'mod differenti mill-perspettiva tal-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Frar 2022, Finanzamt A, C-515/20, EU:C:2022:73, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, skont ittra tas-Segretarju tal-Istat għall-Finanzi, ċerti fondi tal-pensjoni li jimplimentaw kuntratti bbażati fuq il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu ttrattati mill-amministrazzjoni fiskali bħala fondi komuni ta' investiment fis-sens tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT.

62 F'din l-ittra, is-Segretarju tal-Istat għall-Finanzi kkunsidra li skema tal-pensjoni b'kontribuzzjonijiet iddefiniti ta' natura individwali kienet tikkostitwixxi fond komuni ta' investiment għar-raġuni, essenzjalment, li, f'tali skema tal-pensjoni, l-affiljati jġorru r-riskju tal-investimenti. Barra minn hekk, ċerti skemi tal-pensjoni b'kontribuzzjonijiet iddefiniti ta' natura kollettiva jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati bħala fondi komuni ta' investiment meta l-kostituzzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni ssir b'mod paragunabbli mal-kostituzzjoni ta' tali drittijiet fi skemi tal-pensjoni b'kontribuzzjonijiet iddefiniti ta' natura individwali.

63 F'dan il-kuntest, l-affiljat ta' fond tal-pensjoni għandu jitqies bħala l-konsumatur medju li għalih tirreferi l-qorti tar-rinviju. F'dan il-każ, hija għalhekk dik il-qorti li għandha twettaq eżami konkret sabiex tiddetermina jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni legali u finanzjarja ta' dan l-affiljat fil-konfront tal-fond tal-pensjoni, id-drittijiet għall-pensjoni miksuba bis-saħħa ta' kuntratti tal-pensjoni implimentati minn fond tal-pensjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkostitwixxu, skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, "kuntratti bbażati fuq il-benefiċċji tal-irtirar", humiex paragunabbli ma' drittijiet għall-pensjoni miksuba bis-saħħa ta' kuntratt tal-pensjoni "bbażat fuq il-kontribuzzjonijiet" implimentati minn fond tal-pensjoni kklassifikat minn Stat Membru bħala fond komuni ta' investiment, fis-sens tal-Artikolu 135(1)(g), id-Direttiva dwar il-VAT, ikkaratterizzat b'mod partikolari mill-fatt li l-affiljati jġorru r-riskju tal-investimenti.

64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda fil-Kawżi C-640/22 u C-644/22 hija li l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva dwar il-VAT, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk fond tal-pensjoni li ma huwiex UCITS jistax jibbenefika mill-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, ma huwiex meħtieġ biss li jsir paragun ma' tali organu, iżda wkoll li jiġi evalwat jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni legali u finanzjarja tal-affiljat fil-konfront ta' dan il-fond tal-pensjoni, l-imsemmi fond tal-pensjoni huwiex paragunabbli ma' fondi oħra li, mingħajr ma jkunu UCITS, huma kkunsidrati mill-Istat Membru kkonċernat bħala fondi komuni ta' investiment fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

Fuq l-ispejjeż

65 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   l-affiljati ta' fond tal-pensjoni li jimplimenta, taħt skema tal-pensjoni kollettiva, kuntratt tal-pensjoni li jipprevedi drittijiet għall-pensjoni u benefiċċji tal-irtirar li l-ammont tagħhom, minkejja li jkun iddefinit abbażi ta' pensjoni ta' referenza jew tad-dħul professjonali u abbażi tan-numru ta' snin ta' impjieg ta' kull affiljat, jista' jvarja, taħt ċerti kundizzjonijiet, bħala konsegwenza tar-riżultati tal-investimenti mwettqa minn dan il-fond tal-pensjoni, jistgħu jitqiesu li jġorru r-riskju tal-investimenti fil-każ biss li dan l-ammont ikun jiddependi, prinċipalment, mir-riżultati ta' dawn l-investimenti. Sabiex titwettaq tali evalwazzjoni, la huma rilevanti n-numru ta' snin ta' kostituzzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni ta' affiljat u lanqas il-fatt li l-kostituzzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni kienet twaqqfet f'mument partikolari fil-każ ta' fond tal-pensjoni. Min-naħa tagħhom, il-fatt li r-riskju jinġarr individwalment jew kollettivament, b'mod partikolari fil-każ ta' falliment, jew il-fatt li persuna li timpjega tkun daħlet bħala garanti matul ċertu perijodu għall-kostituzzjoni mistennija tad-drittijiet għall-pensjoni jikkostitwixxu fatturi rilevanti, mingħajr ma huma, bħala tali, determinanti.

2) **L-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva 2006/112, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali,**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   sabiex jiġi ddeterminat jekk fond tal-pensjoni li ma huwiex organu ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli jistax jibbenefika mill-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, ma huwiex meħtieġ biss li jsir paragun ma' tali organu, iżda wkoll li jiġi evalwat jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni legali u finanzjarja tal-affiljat fil-konfront

tal-fond tal-pensjoni, dan il-fond tal-pensjoni huwiex paragunabbli ma' fondi oħra li, mingħajr ma jkunu organu ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli, huma kkunsidrati mill-Istat Membru kkonċernat bħala fondi komuni ta' investiment fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

Firem